MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2015

Numru. 1116/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ivan Cilia)**

**vs**

**REUBEN MICALLEF**
**(ID: 134274M)**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **REUBEN MICALLEF** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 134274(M) gie mressaq quddiemha u akkuzat talli fis-sena 2007 u 2008 u f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

Approprja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal haddiehor, minn haga ta' haddiehor u cioe' is-somma ta' aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) li kienet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, liema somma flus kienet fdata jew ikkunsinnata lilu minhabba l-professjoni, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu.

U aktar talli fl-istess data, lokalitajiet u cirkostanzi, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifici foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera xi haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji jew sabiex iqanqal tama jew biza'dwar xi grajja kimerika ghamel qliegh ta' aktar minn elfejn, mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu **(€2,329.37)** ghad-dannu ta' Martha Sammut.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta'esperti jew periti fil-proceduri hekk kif kontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom estratt mill-att tat-twelid tal-imputat a fol 12 u fedina penali tal-imputat a fol 13.

**Rat illi din il-kawza giet assenjata temporanjament lil din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita b'digriet ta' assenjazzjoni tal-Prim'Imhallef datat 21 ta' April 2014 u b'mod permanenti b'digriet tal-20 ta' Novembru 2014.**

Semghet ix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni.

**Spettur Ivan Cilia** xehed fil-15 ta' Settembru, 2010 fejn iddikjara li l-pulizija tar-reati ekonomici kienet irceviet kwerela iffirmata minn Dr. Louis Bianchi ghan-nom ta' Martha Sammut, datata l-1 ta' Awwissu, 2008 fejn gie rrappurtat lilu illi Dr. Micallef kien talab xi pagamenti lil Martha Sammut ghax-xoghol li kellu jaghmel, xoghol dwar servizz legali li kellu jaghmel lill-istess Martha Sammut. Kien gie ffirmat ftehim bil-miktub li wara li ghadda certu zmien dawn is-servizzi ma kienux kompleti. Kien gie ffirmat bejn iz-zewg partijiet u cioe' Dr. Micallef u Martha Sammut illi Reuben Micallef kellu jaghti s-somma ta' elf u erbghin lira Maltin (Lm1,040). Ix-xhud kien kellem lil Martha Sammut, fejn spjegatlu li Dr. Micallef huwa girien taghha u li ilha taf lilu u lill-familja tieghu ghal snin twal. Kienet talbitu xi servizzi biex jghamillha xi ricerki dwar xi wirt u sodisfazzjon ta' dan qatt ma giet moghtija. Qalet wkoll li kienet hallset xi flejjes ta' dawn ir-ricerki u in oltre stqarret ukoll li Dr. Micallef matul iz-zminijiet talabha li jissellef xi flus bil-patt li ha jirritornhom fi zmien qasir. Izda kull darba li wasal iz-zmien biex ihallas, ma kienx qieghed ihallas dawn il-pagamenti. Filfatt hi rrikonoxxiet illi meta kellmet lil Dr. Louis Bianchi kien sar ftehim bil-miktub. Martha Sammut kienet irrikonoxxiet illi kien sar dan il-ftehim bejnha u bejn Reuben Micallef illi hija dovuta s-somma ta' elf u erbghin lira Maltin (1,040). Fit-12 ta' Novembru, 2008 ix-xhud kien bghat ghal Reuben Micallef, l-imputat li gharaf gewwa l-awla u kien tah is-soltu twissija li kellu dritt ma jwegibx ghad-domandi u dak li kien se jinghad kien ha jitnizzel bil-miktub. Huwa ghazel li jwiegeb ghad-domandi. Ikkonferma li kellu jaghmel xi xoghol jew jaghti xi servizzi lil Martha Sammut u qal li ghalkemm ma jistax jikkwantifika kemm ha flus ghal dawn is-servizzi, b'kollox jiftakar illi kienet <u>ukoll</u> sellfitu madwar elfejn u mitejn lira Maltin (Lm2,200). Dwar is-servizzi meta staqsieh jekk is-servizzi jew ir-ricerki li kellu jaghmel kienx ghamilhom, huwa qal li kien ghamilhom, imma peress li ma tantx kien jiflah dak l-ahhar kien ghadu ma tax dawn ir-ricerki lill-klijenta. Ix-xhud esebixxa dokument CP3 li hija l-istqqarrija tal-imputat, liema stqarrija gie rilaxxjata wara li l-imputat inghata s-soltu twissija, is-Sur Micallef ghazel li jwiegeb ghad-domandi. Fuq din l-istqarrija gharaf il-firma tieghu, il-firma

ta’ PC 344. Ix-xhud esebixxa il-kwerela illi rceviet il-Pulizija datata l-1 ta’ Awwissu, 2008 fejn giet esebita u mmarkata bhala Dok CP 4. Ma din il-kwerela hemm annessi zewg dokumenti, wiehed minnhom huwa l-ftehim li kien sar bejn il-partijiet u li dwaru saret rerferenza aktar 'l fuq u d-dokument l-iehor huwa wkoll miktub mill-istess avukat Dr. Louis Bianchi.

Dwar l-istqarrija dokument CP 3 qal li wara li nghata l-ewwel twissija, l-imputat Reuben Micallef, li x-xhud gharaf fl-awla, irrilaxxa l-istqarrija b’mod volontarju u ffirma wkoll l-istess stqarrija.

**Martha Sammut** xehdet fil-15 ta’ Settembru, 2010 fejn stqarret li lil Reuben Micallef tafu u gharfitu bhala l-imputat prezenti fl-awla u qalet li filfatt huwa girien taghha. Ix-xhud qalet li xi ftit aktar minn tliet snin qabel, meta kienet qabbdet lill-imputat, kellha neputijiet jahdmu fir-residenza ta’ omm l-imputat u qalet li omm l-imputat kienet ftahret li huwa kien solva xi kazijiet u b’hekk kienet qabditu bhala avukat rigward il-wirt. Spjegat li kellha ziju jismu Guzeppi Sammut u dan ma kellux tfal. Guzeppi Sammut kellu dar San Gwann u kien biegh din id-dar lit-tifel tal-kugina taghha. Meta mietet il-mara taz-ziju qalet illi z-ziju Guzeppi kien jghix go nofs ta’ din id-dar li kien biegh. Qalet wkoll li z-ziju lit-tifel tal-kugina kien ghamillu kuntratt li kellu jhallsu fi zmien hamsa u ghoxrin sena. Iz-ziju miet u ghaddew tnax-il sena mid-data tal-kuntratt u kien ghadu lanqas tah centezmu lit-tifel tal-kugina lil dan iz-ziju. Ix-xhud pprovat tiehu sehem missierha, u qadbet lill-imputat. L-imputat beda jitlobha il-flus u dan qalilha biex tpoggi l-flus il-Qorti. Ix-xhud spiccat biex lill-imputat ghaddietlu s-somma ta’ tlett elef liri Maltin (Lm3,000) f’diversi okkazjonijiet kull meta kien jitlobha l-flus. Tenniet li l-flus li kien jitlobha kienu daqqa tletin lira Maltin (Lm30) u daqqa ta’ mitt lira Maltin (Lm100) u kienet tghaddihomlu. Qalet ukoll li gieli sselfet minghand haddiehor biex thallas lill-imputat u kienet tghaddihomlu u l-imputat kien jghidilha li ha jmur iqieghdhom il-Qorti. Hija kienet qabdet lill-avukat Austin Bencini li kien ha ukoll nutar mieghu u kienu ghamlu ftehim mal-imputat biex iroddilha lura t-

tlett elef lira Maltin (Lm3,000). Ix-xhud kompliet tghid li meta kienu ghand in-Nutar, l-imputat ghadda lix-xhud elf u seba mitt lira Maltin (Lm1,700). Il-bilanc suppost kellu jaghtihula wara xahar, pero' baqgha jaghtihulha naqra, naqra. Kompliet tghid li llum l-imputat hallasha kollox pero' ma jinkuldux l-ispejjez tan-Nutar, Avukat u spejjez ohra. Ix-xhud tenniet li wara li qabbdet lill-Avukat Austin Bencini kienet ukoll qabbdet lill-Avukat Louis Bianchi biex jassistiha rigward din il-problema. Hawn ix-xhud xtaqet taghmilha cara li l-imputat gieli ghamillha pagamenti, cekkijiet li kienu foloz u filfatt spiccaw biex ma ssarfux u kien wara finalment, f'rati differenti, li spicca biex hallasha lura dawn it-tlett elef lira Maltin (Lm3,000). Ix-xhud kompliet tghid li l-pagamenti finali thasslu wara li x-xhud kienet ghamlet rapport lill-Pulizija dwar dan il-kaz. Sostniet li wara li kienet tirrinfaccja lill-imputat meta jkun ghaddiela xi cekk falz u ma jkunx issarraf kienet tghid lill-imputat u ma kien jghidilha xejn. Ix-xhud spjegat li meta kien jitlobha l-flus, ma kien ikellimha xejn dwar ix-xewqa taghha li tqabbdu bhala konsulent legali taghha.

**Reuben Micallef** kien irrilaxxja stqarrija a tempo vegine ta l-investigazjoni nhr it-12 ta' Novembru 2008 liema stqarrija tinsab esebita a fol. 18. Hawnhekk l-imputat ikkonfema li huwa kien il-konsulent legali ta' Martha Sammut u jghid li in effetti kienet ukoll gara tieghu. Ikkonferma li in effetti kienet talbitu is-servizz professjonali tieghu u li sahansitra kienet anke silfitu xi flus fl-ammont ta' elfejn u mitejn liri Martin (Lm2,200) u minnhom kien hallas gja elf u seba' mitt lira Maltin (Lm1,700). Mistoqsi jekk jaqbilx li kellu jaghti s-somma ta' elf u erbghin lira Maltin (Lm1,040) lill-kwerelanta kif imtenni minnha fil-kwerela taghha wiegeb li jaqbel. Mistoqsi jekk kienx ghamel ir-ricerki li kienet talbitu jaghmel qal li ghamilhom pero' ma kienx tahomla. Tenna wkoll li bejn l-eredi ta' Martha Sammut u l-persuna tieghu kien hemm dokument ta' kompromess. Mistoqsi jekk qattx gabarx xi flus ghan-nom taghha wiegeb li le. Qal li qatt ma halsuh ghalkemm ighid li jaf li kienet xi eredi ta' xi shares fuq proprjeta' Wied Ghomor u Wied Ghallieqa.

Mistoqsi jikkwantifika kemm hemm flus fis-servizz tieghu u kemm kien hemm self qal li gabar is-somma ta' elf u erbghin lira Maltin (Lm1,040) u fil-fehma tieghu l-kwerelanta tghid li ghandha tiehu minghandu u qal li fi zmien qarib kien lest li jhallasha lura. Ikkonferma ukoll li mar ghand il-kwerelanta kemm-il darba u ssellef flus minghandha u wiegeb li kien lest li jhallasha fi zmien qarib. Qal li l-ammont li ghandu jaghtiha kien akbar izda hallas parti minnu gja.

**Reuben Micallef** xehed viva voce il-Qorti fis-7 ta' Novembru 2014 fejn stqarr li lill-kwerelanti kien jafha peress li hija mill-istess inhawi tieghu u kienet marret ghandu biex tiehu parir ta' avukat. Ix-xhud qal li Martha kienet qaltlu li zijuha kien miet u hallielha xi affarijiet fit-testment fejn fil-fatt qatt ma hadithom. Wara qalet li ma kienitx taf jekk halliliex xi haga fit-testment pero' kellha suspett li seta' kien il-kaz. L-eredi l-ohra ma kienux haduhomlha. Il-kwerelanta hija xebba u m'ghandiex tfal u ghandha xi neputijiet jghixu maghha. Peress li kienet tissuspetta hazin f'kulhadd ix-xhud kien ordna xi ricerki fejn stqarr li mir-ricerki li ghamel ma kien sab xejn minn dak li allegat u qal li din il-kwistjoni damet sejra fuq medda ta' zmien.

Ix-xhud tenna li effettivament il-kwerelanta tbaghti wkoll minn dipressjoni u mhux l-ewwel darba li cemplitlu xi s-saghtejn (2:00) ta' bil-lejl. Waqt li ghamillha x-xoghol tar-ricerki hallsitu u wara taha r-ricerki li hallsitu ghalihom u maz-zmien talbitu lura l-flus li kienet hallistu, fejn hu kien uzahom ghar-ricerki li ghamel. Wara hallasha somma flus lura quddiem in-nutar u ma kienx baqghalu pendenzi fil-konfront tieghu. Wara talbitu wkoll biex ihallasha tal-*harrassment* u tal-proceduri meta hija telghet tixhed, fil-fatt kien hemm wkoll allegazzjoni li kien qieghed jahdem kontriha u jagevola xi neputijiet taghha. Fil-fatt spicca li mhux hallas il-flus li kienet taghtu imma hallasha aktar flus milli taghtu ghax-xoghol li kellu jaghmilha. Meta staqsewh kemm gie mhallas bhala flus wiegeb li m'ghandux idea.

Saritlu referenza ghall-istqarrija li rrilaxxa a fol. 18 tal-process immarkata bhala dokument CP3 fejn stqarr li effettivamanet ma kinitx selfitu s-somma ta’ elfejn u mitejn Lira Maltin (Lm2,200) izda hallsitu dik is-somma. Meta x-xhud gie mistoqsi jekk hux minnu li kellu jaghtiha elf u erbghin Lira Maltin (Lm1,040) kif hemm imnizzel f’din l-istqarrija datata tnax (12) ta’ Novembru tas-sena 2008 qal li llum spicca hallasha doppjament.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar is-16 ta’ Settembru 2010 (fol. 29) sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Rat illi fit-3 ta’ Settembru 2013 gew moqrija l-artikoli u l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat illi fis-seduta tad-9 ta' Gunju 2015 l-avukat difensur ta' l-imputat ipprezenta dokument li gie mmarkat Dok Z fejn l-istess Martha Sammut iddikjarat li irceviet minghand l-imputat l-ammont ta' elfejn, seba’ mija u erba’ u erbghin ewro (€2,744) u dan 'i*n full and final settlemen*t' fejn iddikjarat ukoll li m'ghandha l-ebda pretensjoni kontra l-istess imputat.

Semghet lill-partijiet jawtorizzaw lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza.

Jigi rilevat f’dan l-istadju li din il-kawza kienet ilha differita ghall-provi tad-difiza sa mit-3 ta’ Settembru 2013 u qabel din id-data kien hemm hafna okkazjonijiet meta l-imputat ma deherx u ghalhekk ma seta’ jigi registrat l-ebda progress. Dan qed jinghad stante li tul ta’zmien li din il-kawza damet pendenti quddiem il-Qorti

**Ikkunsidrat:**

Illi fl-ewwel lok, il-prosekuzzjoni akkuzat lill-imputat bir-reat ta’ approprjazzjoni indebita bl-aggravju kif kontemplat fil-ligi stante li l-imputat

huwa avukat di professione u dan ai termini tal-Artikolu 294 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Skond gurisprudenza kostanti w anke skond awturi, generalment huwa ritenut li l-estremi ta' dan ir-reat ta' approrazzjoni indebita huma dawn li gejjin:

1. Illi l-pussess tal-haga jkun gie trasferit li s-suggett attiv tar-reat voluntarjament mill-proprjetarju jew detentur, ikun min ikun. Jigi specifikat hawnhekk biex ma jkunx hemm ekwivocita', li l-konsenja da parti tal-proprjetarju jew detentur lill-agent jew lis-suggett attiv tad-delitt, trid tkun maghmula *con l'animo di spostarsi del posesso*, ghax altrimenti jiffugura mhux ir-reat tal-approprazzjoni indebita, imma s-serq. (Dan hu proprju dak li gara fil-kaz in desamina ghaliex il-konjugi Mallia taw is-somma ta' hamest elef Liri Maltin (Lm5,000) b'mod volontarju lill-imputat ghalkemm skond ftehim esebit fl-atti.
2. Illi t-trasferiment tal-pussess ma jridx ukoll ikun jimporta t-trasferiment tad-dominju, cioe' tal-proprjeta' ghaliex f'dan il-kaz ma jiffugurax l-element tal-azzjoni ndebita.
3. Illi l-oggett irid ikun mobbli;
4. Illi l-konsenjatarju in vjolazzjoni tal-kuntratt jaghmel tieghu il-haga, cioe' japproprja ruhu minnha jew ibiegha jew jiddistruggiha a proprio comodo o vantaggio;
5. Irid ikun hemm wkoll l-intenzjoni tas-suggett attiv tar-reat li japproprja ruhu mill-oggett li jkun jaf li huwa ta' haddiehor u finalment xi awturi jsostnu wkoll li jrid ikun hemm id-dannu patrimonjali kawzat lill-proprjetarju li fil-konfront tieghu tkun saret l-approprazzjoni ndebita.

Fuq dan il-punt il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa (5) ta' Marzu, 1993 fil-kawza fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Ali Abdulla Bakush'** fejn dik il-Qorti ddecidiet li ma tespandix fuq dan l-ahhar element ghaliex hemm teoriji li appena s-suggett attiv tar-reat

idawwar bi profitt ghalih l-oggett, dan minnu nnifsu ikun jikkostitwixxi dannu patrimonjali. Hu x’hinu pero’, jidher car li l-kuncett kollu tal-approprazzjoni ndebita huwa koncepit mhux biss fuq l-abbuz ta’ fiducja imma fuq il-fatt li persuna taghmel uzu bi profitt ghaliha minn oggett li jappartjeni lil haddiheor, liema haddiehor ikun fada dak l-oggett f’idejn is-suggett passiv f’wiehed mic-cirkostanzi li jikkontempla l-**Artikolu 293 tal-Kodici** taghna.

In generali jinghad li fid-dottrina b’approprazzjoni indebita wiehed jifhem li dik il-vjolazzjoni ta’ dawn il-kuntratti li bazati kif inhuma fuq il-fidjucja, jissejjah kuntratt fiducjarju u essenzjalment jikkonsisti fl-istorn tal-haga fdata ghal skop determinat (ara **Crivellari dei reati contra la proprieta** – pg. 498; ediz. 1998).

Il-**Carminiani** fil-ktieb tieghu **Elementi Iuris Criminali** - (para. 1020) jiddefinixxi dan r-reat li huwa jsejjahlu bhala:-

“*il fatto de quo liu, che avendo ricevuto dal propretario mediante contratto non transiattivo di dominio, una cosa immobile, questa contro i patti e contro la volonta del propretario stesso e converta in uzo proprio con animo di appropriarsela o la distrugge e a proprio lucro e commodo.*”

**Carrara** fil-ktieb tieghu ***Diritto Penale*** taht t-titolu *Esposizione dei delitti inspecie* (vol 4. para 284) li wkoll jissejjah dan r-reat truffa b’mod l-aktar sintetiku, jiddefinixxi dan ir-reat bhala:
“ *la dolosa approprazione di una cosa altrui che si e’ ricevuto del propretario per una convenzione non translattiva di domino e da uzo determinato.*”

Essenzjalment ghalhekk l-approprazzjoni indebita ma hi xejn hlief abbuz ta’ fiducja li permezz tieghu wiehed jirrendi bi profitt ghalih haga li tkun giet konsenjata lilu jew fdata f'idejh b'att liberu u spontanju (vide ‘**Il-Pulizija v Joseph Mifsud**’ deciza nhar t-tnejn ta’ Dicembru, 1992 mill-Qorti tal-Appell

Kriminali**; Il-Pulizija v Joseph Richmond et** deciza nhar l-erbatax ta' Jannar, 1993; **Il- Pulizija v Capt. Albert Mallia** deciza nhar il-hamsa w ghoxrin ta' April, 194*9* u **Il-Pulizija v Emanuel Cassar** deciza nhar l-ghoxrin ta' Ottubru, 1997).

B'dan il-Qorti riedet tfisser li jrid ikun hemm konversjoni u hemm konversjoni *inter alia* meta l-hati jkun ircieva l-haga biex minnha jaghmel uzu determinat u minflok li jikkommettiha ghal beneficcju tieghu stess jew jiddisponi mill-haga kuntrarjament ghal pattijiet stipulati *in buona fede*.

Fil-fatt, **Luigi Maino** fil-ktieb tieghu ***Commento al Codice Penale Italiano Vol. V pg. 347*** jghid:

*"L'approprazione indebita si consuma col disporre delle cose contro la legge del patto stipulato a buona fede."*

Issa fil-kaz in desamina jinghad li huwa minnu li l-kwerelanta Martha Sammut kienet tat somma flus lill-imputat u dan sabiex tinghata servizz legali minghandu partikolarment sabiex jghinha f'kwistjoni li hija kellha fuq wirt. Spjegat li kien talabha somma flus sabiex ipoggihom il-Qorti f'isimha u biex jordna xi ricerki. Tghid li taghtu s-somma ta' tlett elef liri Maltin (Lm3,000). Apparti milli tghid li effettivament kien hemm okkazzjonijiet meta sahansitra anke silfitu flus. Dwar il-fatt li l-imputat talab lil Martha taghtih flus sabiex jiddepozithom il-Qorti l-imputat ma jghid xejn meta xehed viva voce l-Qorti u fl-ebda hin ma jikkontradixxiha. Pero' meta gie mistoqsi fl-istqarrija tieghu jekk kienx ordna r-ricerki taghha qal li kien ordnahom pero' ma tahomlhiex ghaliex kien marid. Jinghad li minn dakinhar '1 hawn u cioe' mit-12 ta' Novembru 2008 meta irrilaxja l-istqarrija u dakinhar li xehed il-Qorti nhar is-7 ta' Novembru 2014 l-imputat xorta ma ghaddiex dawn ir-ricerki. Mistoqsi fl-istatement ighid kemm kien hemm flus li thallas ghas-servizz tieghu u kemm kien hemm flus li issellef minghand il-kwerelanta jghid li ma jafx. M'hemmx

dubbju li minkejja l-eta' tal-kwerelanta xorta jibqa' il-fat li hija aktar kredibbli f'dak li qalet. L-imputat fl-istqarrija tieghu jammetti li kellu jaghtiha xi flus u li kien ser ihallasha fi zmien qarib. Gara pero' li in effetti dan il-hlas sar fil-21 ta' April 2009 kif jirrizulta mid-dokument esebit fl-atti fl-ahhar seduta fejn l-istess kweralanta ddikjarat li ma kienx ghad fadlilha pendenzi mal-imputat. Cio' nonostante din l-azzjoni ma tistax tigi irtirata stante li r-reat ta' misapproprjazzjoni aggravata titmexxa ex officio. Ma hemmx dubbju li l-flus li nghataw lill-imputat mill-kwerelanta ntuzaw ghal affarijiet ohra mhux awtorizzati mill-istess kwerelanta u ghalhekk b'ghemilu l-imputat abbuza mill-fiducja li taghtu l-kwerelanta u b'hekk ingannha.

Kif jispjega l-gurista Francesco Antolisei:

"*La vera essenza del reato [di appropriazione indebita] consiste nell'abuso del possessore, il quale dispone della cosa come se ne fosse proprietario (uti dominus). Egli assume, si arroga poteri che spettano al proprietario e, esercitandoli, ne danneggia il patrimonio*" (**Manuale di Diritto Penale**, Giuffre` (Milano), 1986, Parte Speciale, Vol. 1, p. 276).

Dan ir-reat ghalhekk jirrizulta provat.

Fit-tieni lok l-imputat gie wkoll akkuzat bir-reat ta' frodi kif kontemplat fl-Artikolu 309 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija minnha fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Emmanuel Ellul'** deciza nhar l-20 ta' Gunju 1997 fejn inghad fil-ligi taghna element essenzjali ghall-ezistenza tar-reat ta' truffa huwa il-*mise en scene*, cioe' dawk l-artifizi jew raggiri idoneji li jinducu u li effettivament ikunu inducew lill-vitma fi zball – l-ingann - u li b'konsegwenza ta' dak l-izball il-vittma taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-korrispondenti qliegh ghall-agent. Kif jispjega il-gurista Taljan **Francesco Antoliseri** b'artifizio' wiehed ghandu jifhem:

*"ogni studiatoa trasfigurazione del vero , ogni cammuffamento della realta effettuato sia simulando cioe che non esiste (per es. Richezza titoli, nome,. Qualita ecc), sia dissimulando, vale a dire, nascondendo cio che esiste ( per es. Il proprio stato di insolvenza di persona congiugata o inabilitata, l'uso di una determinate cosa ecc)." (Manuale di Diritto Penale – Parte Specilae 1 Giuffre (Milano ) 1986 p. 285)"*

L-istess awtur jiddefinixxi ir-raggir bil-mod segwenti:

*"... il raggiro .... e' un avvolgimento ingegnoso di parole destinate a convincere: piu' precisamente una menzogna corredata da ragionamenti idonei a farla scambiare per verita'" [ibid].*

Il-ligi taghna ma tirrikjedix li l-messa in xena, cioe' li dawn l-artifizji jew raggiri, ikunu xi haga kumplikata jew arkitettata b'hafna pjanijiet; in fatti l-ligi stess tindika l-forom li dawn l-artifizji jew raggiri jistghu jiehdu. Fost dawn hemm is-sitwazzjoni ta' meta persuna b'kwalsiasi forma ta' qerq, ingann jew simulazzjoni taghti x'tifhem li ghandha flus meta m'ghandhiex. Hekk per ezempju, meta wiehed johrog cekk meta jkun jaf, jew messu ragjonevolment kien jaf, li ma hemmx fondi fil-kont in kwistjoni sabiex dan ic-cekk jista' jigi onorat, ikun qed jinganna, jew jipprova jinganna, b'wahda mill-forom kontemplati fil-ligi taghna.

Pero', kif inghad, element sostanzjali iehor tar-reat in dizamina huwa t-telf patrimonjali li ggarrab il-vittma bil-konsegwenti qliegh ghall-agent, liema telf u qliegh ikunu r-rizultat ta' xi haga li taghmel jew tonqos milli taghmel il-vittma ghax tkun giet ingannata. In fatti t-truffa komunement tigi imqabbla mas-serq u mal-appropjazzjoni indebita, bid-differenza bejn it-tlett reati konsistenti fil-mod ta' kif isir it-telf u l-korrispondenti qliegh. Fi kliem iehor l-awtur appena citat:

*"Il consenso della vittima, carpito fraudolentemente, caratterizza il reato [di truffa] e lo distingue sia dal furto che dall'appropriazione indebita. Ambedue questio reati, infatti, presuppongono il dissenso della vittima, perche' il primo esige l'impossessamento* della cosa in contrasto col volere di colui che la *detiene, mentre il secondo postula da parte del possessore un'arbitraria, e percio' non consentita, assunzione di poteri che sono riservati al proprietario. Nella truffa, invece, l'agente, mediante artifizi* o raggiri, riesce ad ottenere che *la vittima si danneggi da se': consegni una cosa, assuma un'obbligazione,* rinunzi ad un diritto, ecc.: compia insomma un atto di disposizione *pregudizievole per il suo patrimonio e vantaggioso per altri" [op. cit., p. 293].*

Hu appena necessarju jinghad li hi l-prosekuzzjoni li trid tipprova sal-grad tal-konvinciment morali tal-gudikant l-elementi kollha tar-reat li bih persuna tkun akkuzata. F'dan il-kaz il-prosekuzzjoni pprovat li effettivament l-imputat inganna lill-kwerelanta sabiex taghtih il-flus billi kreja sitwazzjoni jew ahjar cirkostanza u cioe' il-htiega jew bzonn li jkollu f'idejh ricerki u in oltre li jiddepozita flus il-Qorti. Zewg cirkostanzi li l-istess imputat naqas li jipprova il-htiega taghhom u dawn huma l-artifizji li kkreja l-imputat sabiex l-kwerelanta garrab telf fil-patrimonju taghha.

Jinghad ghalhekk li l-imputat ghandu jinstab hati taz-zewg reati kif moghtija mill-Prosekuzzjoni. Jinghad li l-agir ta' l-imputat huwa wiehed li ghandu jigi censurat molto piu' meta tqis li hu professjonist u ghalhekk fic-cirkostanzi thoss li l-piena idoneja ghandha tkun dik ta' prigunerija stante s-serjeta' tal -kaz. M'hemmx dubju li kompoRtament bhal dan jitfa' dell ikrah fuq il-professjoni libera ta' l-avukat. Mill-banda l-ohra pero' il-Qorti rat li l-imputat ghandu fedina penali netta bla ebda tebgha ta' kontravenzjoni jew reat registrat fuqha u rat ukoll li l-imputat kien gja ikkompensa lill-vittma sitt snin ilu tant li giet esebita fl-atti ricevuta ghas-saldu ta' kull pretensjoni taghha fil-konfront

tieghu. Hu appuntu ghalhekk li din il-Qorti sejra tordna li s-sentenza ta' prigunerija tigi sospiza.

**Il-Qorti rat l-Artikoli tal-Ligi u cioe' l-Artikoli 293, 294, 308, 309 u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tiddikjara li qed issib lill-imputat REUBEN MICALLEF hati tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront tieghu u tikkundannah tmintax-il xahar (18) pigunerija sospizi ghall-perjodu massimu permess mil-ligi ta' erbgha snin ai termini ta' l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Dwar it-talba tal-Prosekuzzjni maghmula ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta il-Qorti rat li ma kien hemm l-ebda espert nominat f'dawn il-proceduri u ghalhekk tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' tali talba.**

**Tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lill-Kummissjoni tal-Amministrazzjoni tal-Gustizzja.**

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------